MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 61/2004

Anthony Azzopardi u Carmel sive Charles Azzopardi
ezercenti l-kummerc taht l-isem Azzopardi Fisheries
vs
Giovaronne Limited

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

Peress illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici versu l-atturi fis-somma ta' tlettax-il elf, seba' mija u tmienja u sittin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm13,768.98) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' hut lilha mibjugh u kkonsenjat liema dejn hu cert, likwidu u dovut.

Peress illi s-socjeta` konvenuta nonostante li giet interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Peress illi fil-fehma tal-atturi s-socjeta` konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.

L-atturi talbu lill-Qorti:

Tiddeciedi bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' Lm13,768.98 rapprezentanti prezz ta' hut lilha mibjugh u konsenjat.

Bl-imghaxijiet kummercjali mill-21 ta' Lulju 2003 u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' Settembru 2003, u tal-mandat ta' qbid, mandat ta' sekwestru, ittra ufficjali u mandat ta' inibizzjoni prezentati kontestwalment kontra s-socjeta` konvenuta, id-diretturi ta' liema gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Illi b' nota prezentata fir-Registru tal-Qorti fis-26 ta' Frar 2004 is-socjeta` konvenuta ammettiet it-talba attrici.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat li fis-seduta tal-lum meta s-socjeta` konvenuta giet imsejha tlett darbiet ma deheritx.

Peress li fic-cirkostanza t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, tilqa’ t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ tlettax-il elf, seba’ mija u tmienja u sittin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm13,768.98) rapprezentanti prezz ta’ hut lilha mibjugh u konsenjat u bl-imghaxijiet kummercjali mill-21 ta’ Lulju 2003 u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------